MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 779/2000/1

**Vincent Azzopardi**

**Vs**

**Blye Engineering Co. Ltd.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fis-26 ta’ April tas-sena 2000 li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-konvenut kien intavola kawza quddiem din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet “Blye Engineering Co. Ltd. -vs- Vincent Azzopardi” (Citaz. Nru. 1281/99 RCP) liema kawza giet deciza fil-21 ta’ Marzu, 2000, kif jirrizulta mill-unit ma’ l-att tac-citazzjoni Dok. A;

Premess illi fil-premessi tac-citazzjoni nghad illi s-socjeta` attrici, waqt li kienet qed tinstalla *refrigerated box* fuq vettura proprjeta` tal-konvenut u bhala parti mis-servizz provdut lilu, silfitu *refrigerated truck* taghha tat-tip Ford Transit, numru tar-registrazzjoni DAQ - 308, biex fil-frattemp huwa jkun jista' jkompli jahdem;

Premess illi l-imsemmi *refrigerated truck* fl-1 ta' Gunju 1998, f' Kordin Hill, Paola, waqt li kien hekk misluf lill-konvenut, garrab hsarat kbar f' kollizjoni ma' vettura ohra tat-tip *coach* bin-numru tar-registrazzjoni BCY - 901, proprjeta` ta' certu Salvu Abela;

Premess illi d-danni sofferti mis-socjeta` attrici bhala rizultat ta' din il-kollizjoni, huma ta' natura kuntrattwali u, fil-konfronti tas-socjeta` attrici, ghandu jaghmel tajjeb ghalihom il-konvenut ghaliex gew kagunati waqt li l-imsemmi trakk kien fil-pussess u taht ir-responsabilita` tieghu;

Premess illi ghalkemm debitament interpellat biex ihallas l-imsemmija danni, il-konvenut baqa' inadempjenti;

Premess illi t-talbiet tal-konvenut odjern f' dik il-kawza kienu biex l-attur odjern jghid 'il ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

(1) Tiddikjarah responsabbli *ex contractu* ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta` attrici minhabba l-incident stradali fuq imsemmi;

(2) Tillikwida, jekk hemm bzonn bl-opra ta' periti nominandi, id-danni in kwistjoni;

(3) Tikkundannah ihallas id-danni hekk likwidati; bl-imghax legali u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja ta' l-1 ta' Dicembru 1998, kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Premess illi fid-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut gie ripetut dak li gie indikat fic-citazzjoni (Dok. B);

Premess illi l-attur qed jistitwixxi din il-procedura ghat-trattazzjoni tal-kawza fuq riferita referibilment ghas-sentenza citata tal-21 ta' Marzu 2000, in vista tal-provvediment ta' l-Artikolu 812 u l-Artikolu 811 (a) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Premess illi l-Artikolu 811 (a) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jipprospetta t-trattazzjoni fil-kontingenza li s-sentenza impunjata tkun inkisbet b'qerq da parti ta' wiehed mill-kontendenti bi pregudizzju tal-parti l-ohra u billi jikkonkorru c-cirkostanzi necessarji ghar-ritrattazzjoni taht dan il-Kapitolu kif hawn taht spjegat b' mod konciz:

Il-mertu tal-kawza hu illi l-konvenut odjern, waqt li kien qed jinstalla *refrigerated box* fuq vettura proprjeta` ta' l-attur odjern, silfu *refigerated truck* tieghu biex ikun jista' jkompli jahdem. Filwaqt li kien hemm misluf l-ismemmi *truck* garrab hsarat kbar f' kollizjoni ma' vettura ohra fl-1 ta' Gunju, 1998, liema danni gew likwidati minn espert ghas-somma ta' Lm1200;

Il-konvenut sostna li d-danni rizultanti minn din il-kollizjoni huma ta' natura kuntrattwali u ghandu jaghmel tajjeb ghalihom l-attur billi gew kagunati waqt li l-imsemmi trakk kien fil-pussess u taht ir-responsabilita` tieghu;

Filwaqt li l-konvenut odjern, kif jidher fid-dikjarazzjoni tac-citazzjoni (Dok. B), ha l-passi kontra l-attur odjern billi zammu responsabbli *ex contractu*, minn imkien ma jidher li l-konvenut dahal fil-merti ta' l-incident u ta' min setghet kienet il-htija tal-kollizjoni li fiha ngarrbu l-hsarat tat-*truck*;

Ghaldaqstant jirrizulta li l-konvenut illimita ruhu li jpoggi r-responsabilita` fuq spallejn l-attur minghajr ma ha l-passi necessarji biex jara minn ikkawza l-imsemmija kollizjoni;

Premess illi konsegwentement is-sentenza impunjata inkisbet b' qerq u frodi pratikati mill-konvenut bi pregudizzju ghall-attur, billi l-konvenut illimita ruhu li jzomm l-attur responsabbli minghajr ma kkonsidra jekk

kien hemm fil-fatt xi hadd iehor responsabbli ghall-kollizzjoni kif ukoll ghall-hlas tad-danni;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Marzu 2000;

2. Tordna s-smiegh mill-gdid fil-mertu ta' l-istess kawza;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti ma' l-att tac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta pprezentata fl-14 ta' Gunju 2000 li permezz taghha hija eccepiet:

1. Illi skond l-Artikolu 812 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ma tistax tinghata ritratazzjoni ta' kawza deciza minn <u>Qorti ta' l-ewwel grad</u> meta l-parti li titlobha kienet taf bil-fatti li minhabba fihom titlob ir-ritrattazzjoni, <u>qabel</u> ma jkun ghalaq iz-zmien ta' l-<u>appell</u>;

2. Illi, bla pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici ghar-ritrattazzjoni huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li dak li qed jilmenta minnu l-attur, *dato non concesso* li huwa legalment korrett, zgur li ma jikkostitwix kaz ta' frodi, izda semplici kontestazzjoni dwar l-interpretazzjoni tal-fatti li taw lok ghall-kawza originali, liema kontestazzjoni l-attur ritrattand naqas li jsostni f' dik il-kawza ghaliex, ghalkemm notifikat skond il-ligi u deher fil-Qorti, ghazel li jibqa' <u>kontumaci</u>;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess socjeta` konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni maghmula mill-avukati difensuri tal-kontendenti fl-udjenza tad-29 ta’ Jannar 2001;

Rat l-atti kollha tal-process; kif ukoll l-atti tal-kawza citazzjoni numru 1281/99 RCP fl-ismijiet inversi u li taghha qed tintalab ir-ritrattazzjoni;

Ikkonsidrat:

Il-prezenti istanza tikkonsisti minn kawza ta’ ritrattazzjoni fit-termini ta’ l-Artikolu 811 (a) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Fiha l-attur jaghmel il-qerq, sostrat ta’ dan is-subinciz (a), jikkonsisti fil-fatt illi l-konvenut fil-kawza l-ohra fl-ismijiet inversi (Citazzjoni Nru. 1281/99 RCP) deciza fil-21 ta’ Marzu 2000 illimita ruhu li jzommu responsabbli minghajr ma kkonsidra jekk kienx hemm fil-fatt xi haddiehor responsabbli ghall-kollizjoni kif ukoll ghal hlas tad-danni;

Is-socjeta` konvenuta ddefendiet ruhha billi fl-ewwel lok irrinfaccjatu bl-Artikolu 812 tal-Kapitolu 12. Hi proprju din l-eccezzjoni li ser tigi hawn dibattuta u epurata;

Jinsab provvdut fil-precitat Artikolu 812 illi “ir-ritrattazzjoni ta’ kawza deciza b’ sentenza moghtija <u>minn qorti ta’ l-ewwel grad</u>, u li ghadiet f’ gudikat, tista’ tinghata ukoll, fuq talba tal-partijiet li jkollhom interess, f’ kull wiehed mill-kazijiet imsemmijin fl-ahhar artikolu qabel dan, <u>basta</u> li l-parti tkun giet taf bil-fatti illi minhabba fihom titlob ir-ritrattazzjoni, <u>wara li jkun ghalaq iz-zmien ta’ l-appell</u>”;

Is-sottolinejar, appozitament maghmul, qed isir biex jigi enfasizzat il-punt illi fil-kaz ta’ decizjonijiet minn Qorti ta’ prim’ istanza l-ligi tirrikjedi tassattivament xi haga ohra.

Dak cjoe li r-ritrattand jehtieglu jiddemostra u jissodisfa ukoll bhala pre-kondizzjoni ghall-aditu tat-talba tieghu illi hu ser jaf bil-fatti li jintitolawh iressaq it-talba tar-ritrattazzjoni wara li kien skorra z-zmiem ta' l-appell. Ara fir-rigward sentenza ta' din il-Qorti, kif presjeduta fil-kawza fl-ismijiet "**Arthur Taliana *et* -vs- Godwin Falzon proprio *et nomine***", Appell Sede Inferjuri, 5 ta' Marzu 2003;

Ezami ta' l-atti processwali fil-kawza fl-ismijiet inversi jipprovdi dan il-kwadru:

I. L-attur odjern, konvenut f' dik il-kawza, gie notifikat bl-att tac-citazzjoni fis-7 ta' Settembru 1999;

II. Huwa ma ddefendiex ruhu kontra t-talbiet li sarulu u ghalhekk baqa' kontumaci;

III. Fis-seduta tat-3 ta' Dicembru 1999 jinsab verbalizzat li deher l-avukat tieghu Dr. Leon Bencini u l-kawza thalliet ghall-provi li fil-fatt instemghu fis-seduta sussegwenti tal-20 ta' Jannar 2000. F' din is-seduta deher il-konvenut izda mhux ukoll id-difensur tieghu. Il-kawza giet aggornata ghas-sentenza;

IV. Fil-21 ta' Marzu 2000 nghatat id-decizjoni. Skond il-verbal dakinhar ma deher hadd mill-partijiet;

Minn dawn il-fatti l-ewwel osservazzjoni ovvja li trid issir hi dik li l-attur odjern naqas li jikkontesta l-fatti allegati kontra tieghu fil-kawza l-ohra. It-tieni osservazzjoni hi dik li l-attur, ghalkemm kontumaci, kien qed isegwi l-proceduri fil-konfront tieghu u sahansitra nkariga avukat jassistih. It-tielet osservazzjoni hi dik li mill-korp tac-citazzjoni prezenti l-attur imkien ma adduca illi hu sar jaf bil-fatti li kienu jintitolawh ifittex dan ir-rimedju tar-ritrattazzjoni wara li kien skada t-terminu ta' l-appell. Anzi l-presunzjoni hi, mill-analisi ta' l-atti tal-kawza l-ohra, issa ritrattata, illi hu kien jaf x' inhu ghaddej. Dan jixhdu l-presenza tieghu u dik tal-konsulent legali tieghu f' dawk il-proceduri. Mhux

allura l-kaz illi l-attur sar jaf bil-fatti wara li s-sentenza ghaddiet in gudikat. Ir-rekwizit allura tal-fuq imsemmija pre-kondizzjoni ma jirrizultax allura sodisfatt. Ara a propozitu ghall-enuncjazzjoni tad-dritt f' dan il-kuntest id-decizjoni fl-ismijiet "**Joseph Cardona -vs- Marija Scicluna**", Qorti Civili, Prim' Awla, 5 ta' Ottubru 1994;

Gjaladarba huwa presumibbli hafna li l-fatti kienu noti lill-attur fil-jum stess tal-pronunzjament tas-sentenza, u allura qabel d-dekorriment taz-zmien ta' l-appell, huwa ma setax imbaghad jinjora d-dispost ta' l-Artikolu 812, eccepit mis-socjeta` konvenuta, biex minflok jipproponi r-rimedju tar-ritrattazzjoni li, kif saput, hu ta' indoli straordinarju (**Vol. XXIX P I p 798**) u regolat minn interpretazzjoni strettissima (**Vol. XLII P I p 227**);

Fuq dan il-punt jaghmlu qari interessanti wkoll id-decizjonijiet a **Vol. XV P II p 266; Vol. XXIV P III p 780** u **Vol. XXXIII P II p 401**, fost ohrajn;

Raggunta din il-konkluzjoni din il-Qorti tista' tieqaf hawn. Anke pero` kieku kellha tinoltra ruhha fuq il-meritu ta' dak dedott mill-attur bhala l-bazi tat-talba tieghu tar-ritrattazzjoni, l-istess ma kinitx issib l-ebda raguni guridika biex takkoljiha;

Kif drabi ohra ritenut, "*il dolo da ingresso al rimedio della ritrattazione solamente quando i raggiri usati da una delle parti sono stati tali che senza di esse l' altra parte non sarebbe stata condannata, e l' ommissione o la insufficienza di difesa non e` per alcuno una giusta causa di ritrattazione*" (**Kollez. Vol. XIV P III p 219; Vol. XXVIII P III p 1238**);

Issokta jigi amplifikat illi "hija dottrina tradizzjonali illi jekk il-parti ma giebitx il-prova mhux minhabba d-dolo tal-parti l-ohra, izda ghan-negligenza taghha, ma tkunx tista' wara li jkun hemm sentenza li ghaddiet in gudikat, tmur ghar-

rimedju hekk straordinarju fil-procedura gudizzjarja." (**Kollez. Vol. XXIX P I p 1468**);

F' kull kaz jinghad ukoll illi "mhux koncepibbli l-qerq naxxenti mill-fatt u cirkostanza li kienu ghal kollox noti lill-persuna li suppost giet imqarrqa u li kienet konsapevoli taghhom. Jekk imbaghad il-qerq jirrisjedi fil-fatt li xi Qorti giet sgwidata, allura wkoll ma jistax jissussisti l-qerq fit-termini ta' dan is-subinciz ghaliex ir-ritrattand kellu kull opportunita` u facilita` li jgib dan il-fatt li minnu issa qed jillamenta a konjizzjoni tal-Qorti fil-mument opportun u a tempo debito" - "**Ersilia Calleja *et* -vs- Franky Gambin**", Appell mill-Bord li Jirregola l-Kera, 21 ta' Novembru 1997;

Dan premess u stabbilit bhala konsiderazzjoni ta' dritt, l-azzjoni ta' l-attur mhix sostenibbli fil-ligi, anke indipendentement mill-veracita` o meno tal-fatti minnu allegati.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi bl-akkoljiment ta' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta tichad it-talba ta' l-attur ghar-ritrattazzjoni tal-kawza, bl-ispejjez jigu sopportati minnu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------